# F'Għeluq it-80 Sena mill-Inawgurazzjoni tal-Vara ta' Santa Venera (1919 - 1999)

Joseph Giorgio

Sa ħafna snin qabel ma Santa Venera saret Parroċċa, kienet ġa ssir festa lil Santa Venera. L-ewwel statwa tal-Padruna, kienet daqsxejn ta' statwa żgħira, li kienet saret fil-bidu ta' dan is-seklu. Din l-istatwa ż-żgħira ta' Santa Venera kienet matul is-sena tinżamm fin-niċċa fil-Knisja l-Antika, fejn illum tinżamm l-istatwa ta' Santa Tereża. F'jum il-festa ta' Santa Venera, li kienet tiġi ċċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Lulju, jew il-Ħadd l-1 ta' Awissu, kienet tinħareġ minn niċċa u titpoġġa faċċata ħdejn l-artal maġġur fuq in-naħa tal-lemin, imdawra bix-xema' u bukketti ta' ward. Filgħaxija, kienet id-drawwa li din l-istatwa ta' Santa Venera kienet tinħareġ fuq iz-zuntier tal-knisja, ħdejn il-bieb ta' barra u jsir paniġierku. F'purċissjoni madwar ir-raħal qatt ma ħarġet.



L-istatwa l-antika ta' Santa Venera armata għall-festa.



L-istess statwa ta' Santa Venera li llum tintrama fil-Kripta tal-Knisja Parrokkjali għal żmien il-Festa.

Kollox inbidel hekk kif il-knisja

..... / 77

75 / .....

ta' Santa Venera, immexxija mill-Patrijiet Karmelitani, l-ewwel ħadu l-knisja f'idejhom fl-1912, imbagħad viċi Parroċċa fl-1913 u Parroċċa fl-1918. Kien ġara, li f'dak iż-żmien preċiż, Tumas Dalli (1888 - 1978), magħruf bħala *Majsi,* li aktar tard baqa' magħruf bħala l-benefattur tal-vara ta' Santa Venera, kien rikoverat fl-isptar Navali ta' Bighi ġewwa l-Kalkara, minħabba li kien ma jiflaħx. Mhux biss għax ma kienx hawn vara, imma l-affarijiet tgħidx kif jaħbtu. Tumas Dalli wiegħed li malli jfieq u joħroġ mill-isptar, l-ewwel paga li jaqbad iwarrabha biex jagħti bidu għall-vara ġdida li kellu proġettata f'moħħu. Il-wegħda kompliha u spiċċaha. Huwa rnexxielu jagħmel il-vara. Il-vara kienet inħadmet fil-kartapesta minn Karmenu Mallia minn Ħal Qormi. Kienet inħadmet Ħal Qormi ukoll.



*Il-Knisja u l-Kunvent li l-Patrijiet Karmelitani ħadu f'idejhom fl-1912*



*Karmenu Mallia - l-istatwarju*



*Il-figura ta' Santa Venera - tfajla inklinata daqsxejn il-quddiem*



*Xagħarha mistur b'mant abjad li jibqa' nieżel sa wara daharha*

Il-vara ta' Santa Venera tirrappreżenta figura ta' tfajla, inklinata daqsxejn 'il quddiem, misluta u mlibbsa

..... / 79

77 / .....

sabiħa. Dirgħajha tal-lemin merfugħ 'il fuq u b'subgħajha l-werrej ippuntat il-fuq tippriedka lil Alla wieħed. Xagharha mistur b'mant abjad li jibqa' nieżel wara daharha, għelm ta' umilta u safa. F'idha tax-xelluq, qed iżżomm il-kurċifiss, l-għelm tan-nisrani u twemminu u palma, għelm tal-Martirju. Fuq rasha l-kuruna tar-rebħa tagħha u raġġiera l-għelm ta' qdusija. Mal-palma hemm tliet kuruni: l-għelm tal-Predikazzjoni, l-Appostolat u l-Martirju.



L-istatwa ta' Santa Venera bil-pedestall u l-bankun tagħha

Waqt li kienet qed tinħadem il-vara ta' Santa Venera, il-Patrijiet bdew jaraw kif se jakkwistaw Pedestall u Bradella għall-vara l-ġdida. Avviċinaw lil sħabhom il-Patrijiet Karmelitani tal-Belt fuq din il-problema. Dawn minn naħa tagħhom iddeċidew li jagħtu bħala rigal lill-Parroċċa l-ġdida ta' Santa Venera, Pedestall u Bradella, tliet bsaten u erba' forċini, li kienu jintużaw għall-vara ta' l-Anġlu Kustodju li hemm fil-knisja tagħhom tal-Belt. Il-Patrijiet ta' Santa Venera laqgħu bil-ferħ din l-offerta ġeneruża tal-Patrijiet Karmelitani tal-Belt. B'hekk ingħelbet problema kbira u issa l-vara l-ġdida kien se jkollha l-pedestall u l-bradella tagħha u setgħet toroġ għall-ewwel darba fil-Purċissjoni tas-sena 1919. Ġie deċiż ukoll li l-festa tibqa' ssir bħall-imgħoddi, jiġifieri fl-aħħar Ħadd ta' Lulju jew jekk dan kien jaħbat is-Sibt, il-festa tkun iċċelebrata l-Ħadd l-1 ta' Awissu.

Karatteristika qawwija tal-festa ta' Santa Venera ta' dak iż-żmien, kienet, li din il-festa kienet speċi ta' fiera jew monti kbir li kien jintrama għall-okkażjoni f'Misraħ Santa Venera, lejlietha u nharha. Hawnhekk kienu jinbiegħu l-aktar xogħlijiet artiġġjanali ħfief u rħas ta' ġugarelli għat-tfal, maħduma mill-injam, jew statwi u aċċessorji oħra tat-tafal jew ċomb, għal min kien dilettant li jilgħab bl-altar, delizzju li kien popolari ħafna dak iż-żmien fost it-tfal. Minħabba f'hekk il-festa ta' Santa Venera ġa kienet magħrufa sewwa dak iż-żmien.

..... / 81

79 / .....

Ġara, iżda li kif jaf kulħadd, fis-7 ta' Ġunju 1919, ġewwa l-Belt kien inqala' nkwiet serju ħafna meta xi truppi Ingliżi sparaw fuq xi Maltin u ikkaġunaw il-mewt ta' erbgħa minnhom. F'dawk iċ-ċirkustanzi li sab ruħu fihom il-pajjiż, il-festa ta' Santa Venera, wara daqstant preparamenti u stennija minn kulħadd kienet għoddha sfrattat, għax kien hemm min deherlu li l-festa ma kellhiex issir minħabba fil-luttu nazzjonali li kien sar. Iżda billi kien laħaq għadda ftit taż-żmien u s-sitwazzjoni bil-ħidma ta' bosta nies ikkwietat, u bil-kelma t-tajba tranġa kollox, ittieħdet deċiżjoni li l-festa ssir kif kien programmat oriġinarjament.

Carmelo Mallia (1880 - 1930) l-istatwarju tal-Vara ta' Santa Venera kien ħadem f'żgħożitu mal-magħruf Carlo Darmanin. Carlo Darmanin kien mill-Isla, iżda kien jgħix in-naħa ta' fuq ta' Triq San Ġużepp, Santa Venera. Carmelo Mallia kien xtara bosta forom minn għand Darmanin, meta dan kien miet fl-1909. Għalhekk kemm għax Carmelo Mallia tgħallem taħt Darmanin, kemm ukoll għax kellu f'idejh forom tiegħu, l-istatwi ta' Mallia jixbħu lil dawk ta' Darmanin. Dak iż-żmien Majsi Dalli ħallas Lm 36, għall-vara ta' Santa Venera, lil Carmelo Mallia. Carmelo Mallia kellu l-ħanut tax-xogħol tiegħu f'178 Triq il-Kbira Ħal Qormi. Wisq probabbli li l-vara ta' Santa Venera inħadmet f'dan il-ħanut fis-sena 1919. Fis-sena 1919 ukoll, Carmelo Mallia kien ġie kkummissjonat biex jaħdem sett ta' 24 anġlu għal Triq il-Kbira Ħal Qormi għall-festa ta' San Ġorġ. Kumbinazzjoni wkoll fis-sena 1919, f'Ħal Qormi kien twaqqaf l-ewwel Kumitat tal-Festi Esterni ta' San Ġorġ, li kien irnexxa ħafna u għadu jeżisti sal-ġurnata tal-lum. Carmelo Mallia kien anke Membru ta' dan il-Kumitat. L-Induratura tal-Vara ta' Santa Venera kienet saret għand id-ditta Francesco Coleiro tal-Belt, u kienet qamet Lm 35.10c. Il-Kuruna, is-Salib, il-Palma u r-Raġġiera kien ħadimhom ċertu Manuel Borg minn Birkirkara u kienu swew Lm 17.00



*Il-ħanut tax-xogħol ta' Karmenu Mallia*



*P. Gwann Battista Azzopardi O.C. - l-ewwel Kappillan*

Meta tlestiet minn kollox, il-Vara ta' Santa Venera ttieħdet f'maħżen fi Triq Ħal Qormi, Santa Venera. Kulħadd kien qed jistenna li tittieħed minn hemm lejn il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Venera għall-ewwel darba. Il-jum tant mistenni wasal, u ċ-ċerimonja bdiet bit-tberik tal-Vara mill-Kappillan tal-Parroċċa Rev. Patri Ġwann

..... / 83

81 / .....

Battista Azoppardi O.Carm. mill-Mosta. Wara l-vara ittieħdet għall-ewwel darba lejn il-Knisja tagħha. Minn ħdejn it-Turretta, ġibdet 'il fuq lejn l-Akwadott akkumpanjata minn banda u għadd kbir ta' nies. Kienet saret lotterija ta' għoġol. Dan l-għoġol kien mexa t-triq quddiem il-vara. Imbagħad il-vara kisret fuq il-lemin u qabdet Triq Santa Venera (illum Braille Street), lejn il-Knisja.



*Il-wasla tal-Vara f'Sta. Venera fl-1919. Il-Purċissjoni tidher fi Triq Irjali, in-naħa ta' fuq, qabel ma tikser lejn Triq Braille.*

Il-Ħadd ta' wara ħarġet mill-knisja fl-ewwel Purċissjoni tas-sena 1919, akkumpanjata minn għadd ta' Fratelli tas-Sagrament. Din il-Fratellanza tas-Sagrament twaqqfet fl-1918 u kienet l-ewwel dehra tagħha f'din il-Purċissjoni. Ġew ukoll jakkumpanjaw il-Purċissjoni għadd kbir ta' Patrijiet Karmelitani, immexxija mill-Provinċjal Patri Spiridjun Vassallo O. Carm. Ir-rotta tal-Purċissjoni kienet, Pjazza Santa Venera, Misraħ il-Barrieri, Triq Msida, iddur fuq il-lemin għall-Triq il-Kbira San Ġużepp, Triq Santa Venera (illum Braille Street) għall-Misraħ Santa Venera. Il-Purċissjoni bil-vara ta' Santa Venera damet issegwi din ir-rotta sas-sena 1952. Wara din is-sena, il-Purċissjoni bil-vara ta' Santa



*Patri Spridjun Vassallo O.C. - Provinċjal ta' dak iż-żmien*



L-iStatwa ta' Santa Venera

..... / 85

83 / .....

Venera bdiet tgħaddi mit-toroq li nafu bihom aħna illum.

L-ewwel irġiel li kienu jieħdu ħsieb il-festa ta' Santa Venera kienu sitta. Dawn kienu Xandru Farrugia, Guzeppi Farrugia, Censu s-Sagristan, Guzeppi Farrugia (wieħed ieħor), Majsi Dalli (l-benefattur tal-Vara) u Nikol Buhagiar. Nikol Buhagiar kien jieħu ħsieb jarma l-vara l-ġdida. Censu s-Sagristan kien jieħu ħsieb jaħraq ftit logħob tan-nar u Xandru kien jieħu ħsieb jaħdem il-liedna friska għall-festuni. Kelinu Delicata (mastrudaxxa) u t-tifel ta' Nikol, kienu ħadmu xi tlett tużżani armi ta' l-injam bil-kuruna. Kienu sbieħ u kien pittirhom wieħed mill-Furjana b'figuri fuq il-Martirju ta' Santa Venera. Kienet tintrama l-pjazza u Triq Santa Venera kollha bl-antarjoli, bandieri, liedna u palm, bil-pilandri u bit-tazzi taż-żejt. Kienet tintrama kuruna kbira li kienet il-ġmiel tagħha. Kien ħadimha landier minn Ħal Qormi jismu Rafel. Il-kuruna kienet tixbaħ lil dik li tintrama f'San Ġorġ ta' Ħal Qormi. Majsi Dalli għal meta l-purċissjoni kienet tasal biex iddur għall-Triq Santa Venera, kien jordna xi tliet tużżani torċi



*Waqt il-ħruġ tal-Purċissjoni ta' l-1956*



*Għadd ta' nies isegwu l-ħruġ tal-Purċissjoni fl-1949*



*Il-Vara fil-ħruġ tagħha mill-Knisja fl-1946. Jidher ukoll qed iżomm il-forċina, il-benefattur tagħha Tumas Dalli*

..... / 87

85 / .....

tax-xama' biex jinxtegħlu quddiem il-vara meta jidlam. Il-banda ta' l-Istitut ta' San Ġużepp iddoqq quddiem il-vara, kien ikun fiha għaxqa taraha ġejja. Dak iż-żmien ħafna Qriema kienu jiġu biex jaraw il-vara dieħla. Il-musketterija ma kenitx tonqos. Lanqas xi ftit gassijiet. Il-purċissjoni kienet tidħol f'xi 9.00 p.m. u kulħadd imur lejn id-dar. Mikiel Delicata, Ġakki Delicata u Pawlu Bugeja *(ta' Żelleċ)* kienu jieħdu ħsieb il-qniepen u damu żmien twil dawn it-tlieta jieħdu ħsieb il-qniepen tal-kampnar.

Il-vara ta' Santa Venera damet ħafna ma kellha niċċa tagħha fil-knisja. Kienet tintrefa' fis-sagristija filwaqt li l-istatwa ż-żgħira ta' Santa Venera kienet baqgħet fin-niċċa tagħha fil-knisja. Ġara mbagħad illi fl-1925 waslet l-istatwa ta' Santa Tereża fi żmien il-Kappillan Patri Indri Spiteri. L-istatwa ż-żgħira ta' Santa Venera kienet tneħħiet minn niċċa tagħha u tpoġġiet flokha din l-istatwa ta' Santa Tereża. Minnufih inqala' l-għawġ għax in-nies ma reditx li minn żewġ xbiħat ta' Santa Venera ma kienx hemm waħda esposta fil-knisja. Wara ħafna kien ġie deċiż li titħaffer niċċa ġdida fil-ħxuna tal-ħajt fuq il-lemin tal-bieb ta' barra, fejn fl-antik kien hemm niċċa żgħira ta' l-'Ecce Homo', biex fiha titpoġġa l-vara l-ġdida ta' Santa Venera. Din in-niċċa għadha hemm sal-ġurnata tal-lum u fiha tinżamm il-vara ta' Santa Venera matul il-jiem tas-sena. Matul is-snin tal-gwerra, purċissjoni bil-vara ma kenitx issir. Imma baqgħet id-drawwa li l-festa ssir biss fil-knisja fl-istess żmien tal-festa tagħha. Kienet issir bit-translazzjoni tar-Relikwa madwar il-knisja, vespri u Paniġierku. Fil-festa proprja tagħha tas-26 ta' Lulju 1941, kien sar attakk bil-baħar fuq il-Port il-Kbir mit-Taljani. Dan kien l-uniku attakk bil-baħar fuq Malta matul il-gwerra kollha (1939 - 1945).



*Patri Indri Spiteri O.C. - Kappillan*



*Il-Vara Titulari għadha kemm ħarġet mill-Knisja fl-1956.*

..... / 89

87 / .....

Fost il-ħafna xogħlijiet li xi darba kienu proġettati li jsiru f'Santa Venera, u baqgħu ma sarux, kien pedestall u bradella ġdida għall-vara ta' Santa Venera. Id-disinn ta' dawn it-tnejn għadu jeżisti. Niftakar dan id-disinn f'inkwatru mdendel fil-maħżen ta' l-armar ta' barra, li darba kien hemm flok fejn illum insibu l-Mount Carmel College cioe llum St. Elias College, ħdejn il-knisja l-antika. Dan kien għal ħabta ta' l-1959. Kieku seħħet din l-opra tabilħaqq, fuq dan id-disinn msemmi, kieku kien ikollna pedestal u bradella iddisinjati xejn inqas minn Abraham Gatt ta' Bormla. Abram Gatt ma għamilx disinni li jżejnu l-knejjes biss, iżda għamel ukoll disinji għall-armar ta' barra biex iżjenu t-toroq tagħna fil-jiem tal-festa.



*Il-Vara armata fil-Knisja fl-1946*



*Il-purċissjoni bl-istatwa ta' Santa Venera V.M. għaddejja minn Triq Brighella.*

Pero sfortunatament għalina, ġieli kien jiġri l-każ, li d-disinji tiegħu ma ġewx esegwiti. Fost dawn insibu l-pedestall u l-bradella tagħna. Naħseb li dan il-pedestall u l-bradella, ma kinux saru minħabba li ġa kien qed isir użu minn bradella u pedestall ieħor. Fl-1976, kienet iżżanżnet bradella ġdida għall-vara ta' Santa Venera. Kienet ġiet imbierka mill-Kappillan Patri Franġisk Grech fl-24 ta' Lulju. Minn dik is-sena wkoll, żdied bastun ieħor għall-irfigħ tal-vara. Sal-1975, il-vara ta' Santa Venera kienet tintrefa' minn tmien reffiegħa,. Fl-1985, inbeda xogħol ta' restawr fuq il-vara ta' Santa Venera. Instab li kellha l-ħsara u li kienet qed tiġi attakkata mill-moffa. Il-vara ttieħdet fl-istudio ta' Manuel Zammit fiż-Żejtun u beda x-xogħol minnufih.



*Patri Franġisk Grech O.C. - Kappillan*

..... / 91

89 / .....





Il-Kappillan u l-Pirjol flimkien mas-Sur Manuel Zammit

Il-Vara meta kienet qegħda fl-istudio ta' Manuel Zammit ġoż-Żejtun



Il-wasla tal-Vara Titulari fl-1985. Din tqegħdet ġo maħżen "Redentur" fi Triq l-Imsida u wara ittieħdet proċessjonalment għall-Knisja Parrokkjali fost il-ferħ tal-Vendriżi kollha.

Ix-xogħol ta' restawr tlesta qabel il-festa ta' l-1985. Dak inhar ukoll, iżżanżnu Palma, Kuruna u Raġġiera tal-fidda. Dawn se jibqgħu jintużaw għall-festa biss, filwaqt li l-antiki jibqgħu jintużaw għal kuljum. Xewqa kbira oħra kienet li jiġi rranġat u ndurat mill-ġdid il-pedestall tal-vara, għax kellu bżonn ta' intervent urġenti

..... / 93

91 / .....

minħabba l-ħsara li kellu. L-irranġar tal-pedestall daħal għalih is-Sur Michael Zerafa, membru tal-Kumitat Festi Esterni. Dan ix-xogħol kien jirrekkjedi paċenzja kbira, minħabba li kellu ħafna ħsara fl-injam. L-induratura tal-pedestall saret mis-Sur Publuju Magro tal-Furjana. Ġew indurati wkoll l-erba' važuni ta' madwar il-vara.



*Michael Zerafa waqt ix-xogħol tiegħu ta' restawr fil-pedestall*



*Il-pedestall wara li ġie ndurat*

Imbagħad, għall-festa tal-1987, iżżanżnu ukoll erba' fjuretti u girlanda tal-fjuri fuq id-deheb u fidda għall-madwar il-vara ta' Santa



*Is-Sinjura Grace Sciberras taħdem il-fjuretti*



*P. Guzepp Falzon O.C. Kappillan*



*P. Pierre Tumas Gatt O.C. Pirjol*

..... / 95

93 / .....

Venera. Il-fjuretti u l-girlanda nħadmu għand is-Sinjura Grace Sciberras tal-Qrendi. Nistgħu ngħidu li issa verament twettqet il-ħolma tal-Vendriżi li kienu ilhom ħafna snin jixtiequ u jistennew biex jaraw il-vara ta' Santa Venera kompluta b'opri ġodda.

Dan kollu sar bl-inizjattiva tal-Pirjol ta' dak iż-żmien, Patri Pier Tumas Gatt u l-ex-Kappillan Patri Ġużepp Falzon, flimkien ma' kollaboraturi oħra tal-festa u għadd kbir ta' benefatturi.




Is-Sur Joe Cilia mal-forċini li flimkien mas-Sinjura tiegħu irregalaw fl-1994.

L-aħħar opri li saru kienu l-erba' forċini ġodda, imħallsa mis-Sur Joe Cilia u l-mara tiegħu s-Sinjura Josephine Cilia. Dawn il-forċini nħadmu għand id-ditta Cutajar Works Limited tal-Ħamrun, filwaqt li l-injam tagħhom sar mis-Sur Michael Zerafa. Il-Kuruna, ir-Raġġiera, il-Palma, il-Kuruni ta' ġol-Palma u s-Salib tal-Vara, ġew mogħtija banju tad-deheb. Dawn saru mis-Sur Johnny Atard ta' J. Attard Jewellers ta' Santa Venera. Fil-1994, ġie mżanżan bankun ġdid għall-erba' forċini tal-vara ta' Santa Venera li kienu



L-ornamenti tal-Vara li ġew indurati mis-Sur Johnny Attard

..... / 97



*Il-bankun tal-forċini*

żżanżnu fl-1993. Dan inħadem mis-Sur George Debono minn Ħal Qormi u ġie skulturat mis-Sur Edmond Sciberras, ex-Membru tal-Kumitat. Il-benefatturi kienu is-Sur Sur Joe Cilia u l-mara tiegħu s-Sinjura Josephine Cilia.

Fil-31 ta' Lulju 1978, miet il-benefattur tal-vara Majsi Dalli, fl-għomor ta' 90 sena. Huwa miet l-għada tal-festa ta' Santa Venera u kellu jidħol fil-knisja 'Presente Cadavere' quddiem il-vara ta' Santa Venera, li kienet għadha fil-knisja armata wara l-festa. Tgħidx kif jiġru l-affarijiet kultant, speċi biex isellmu 'l xulxin għall-aħħar darba fuq wiċċ din l-art. Żgur li Tumas Dalli qed igawdi issa mhux il-vara ta' Santa Venera, imma l-istess qaddisa fis-sema, fix-xirka tal-qaddisin.



*L-aħħar tifkira ta' Tumas Dalli (Majsi)*
*Ritratt mal-Vara fi xjuħitu*